MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2012

Talba Numru. 287/2012

**Cycle World Limited
C10779**

**vs**

**Dr Joseph Ellis fil-kwalita' tieghu ta' Kuratur Deputat sabiex jirraprezenta l-interessi tal-assenti Saifiddin Ben-Ali skond digriet tal-4 ta' Mejju 2012**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici ddikjarat illi Saifiddin Ben Ali fit-13 ta' Jannar, 2009 xtara mutur Triumph Street Triple bin-numru ta' registrazzjoni TST-675 minghand Cycle World Limited permezz ta' kuntratt *hire purchase* mal-kumpanija attrici. Illi l-intimat kien qed ihallas pagamenti regolari sat-3 ta' Lulju, 2010 u wara din id-data dawn waqfu hesrem. Illi Rita Cini, direttrici ta' Cycle World ippruvat issib u tikkuntattja l-intimat diversi drabi, pero' giet infurmata minn Ludwig

Debono li kien jahdem mal-intimat illi l-intimat telaq minn Malta f'Dicembru 2010 u hadd ma jaf fejn qieghed, minhabba l-gwerra civili li kien hemm fil-Libya. Illi ghalhekk il-kumpanija attrici qed titlob sabiex dan it-Tribunal jordna li ghandu jithallas il-bilanc ta' elfejn, erba' mija u erbgha u sittin Ewro u tmienja u tmenin centezmu (€2,464.88c) u spejjez u imghaxijiet dovuti lill-kumpanija attrici Cycle World Limited.

Ra r-rikors tas-socjeta' attrici datat 9 ta' April, 2012 li permezz tieghu talbet in-nomina ta' kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw l-interessi tal-konvenut assenti. Ra d-digriet datat 12 ta' April, 2012, li permezz tieghu ntlaqet it-talba.

Ra l-verbal tas-seduta tas-6 ta' Lulju, 2012, fejn l-Avukat Dr Jeffrey Mifsud Farrugia ddikjara li gie nominat sabiex jirraprezenta l-interessi tal-konvenut assenti, u li ma kienx ser jipprezenta risposta ghan-nom tal-konvenut assenti.

Semgha x-xhieda tar-rapprezentant tas-socjeta' attrici, u ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti minnha.

Ikkunsidra,

Illi s-socjeta' attrici bieghet mutur tal-marka Triumph Street Triple bin-numru ta' registrazzjoni TST-675 lill-konvenut, u in forza ta' skrittura datata 13 ta' Jannar, 2009, il-konvenut iddikjara u accetta illi jhallas ratealment il-bilanc li kien dovut minnu, u li f'dik id-data kien jammonta ghal hamest elef sitt mija u dsatax-il Ewro (€5,619.00). Illi mill-iskeda tal-pagamenti li giet ipprezentata mis-socjeta' attrici jidher illi l-konvenut wettaq l-ahhar pagament f'Lulju 2010, u kien jonqos illi jwettaq tnax (12)-il pagament iehor ta' mitejn u zewg Ewro u tlettax-il centezmu (€202.13c) il-wiehed.

Illi dawn il-fatti ma gew bl-ebda mod kontradetti u kkontestati. Illi l-ammont li huwa dovut mill-konvenut ai termini tal-iskeda in kwistjoni jammonta ghal elfejn,

erbgha mija u hamsa u ghoxrin Ewro u sitta u hamsin centezmu (€2,425.56c). Illi mill-atti ma jirrizultax illi saret xi interpellazzjoni permezz ta’ att gudizzjarju qabel ma giet proposta din l-azzjoni. Illi ghalhekk it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-imghax fuq l-ammont imsemmi ghandu jibda jiddekorri minn meta giet proposta din l-azzjoni.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici, u jordna lill-konvenut Saifiddin Ben-Ali jhallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elfejn erba’ mija hamsa u ghoxrin Ewro u sitta u hamsin centezmu (€2,425.56c), bl-imghax mid-data tal-prezentata tal-Avviz tat-talba.

Bl-ispejjez kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------